# DIPARTIMENT TAD-DWANA
# RAPPORT ANNWALI 2018

## Introduzzjoni

Matul l-2018, id-Dipartiment tad-Dwana kompla bil-missjoni ewlenija tiegħu li:

- jiffaċilita l-kummerċ ġust billi inaqqas il-piżijiet u l-burokrazija minn fuq l-operaturi ekonomiċi li josservaw il-proċeduri tad-dwana, u jżid miżuri effettivi ta' infurzar kontra operaturi li ma josservawx il-proċeduri;

- jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna billi tkun jevitata l-importazzjoni ta' sustanzi illeċiti u oġġetti oħra projbiti;

- jtejjeb l-metodi tal-ġbir tat-taxxi tad-dwana u tas-sisa u l-prevenzjoni ta' frodi possibli; u

- jipproteġi l-interess ekonomiku ta' Malta, u tal-Unjoni Ewropeja, bil-prevenzjoni tad-dħul illegali f'Malta u fl-Unjoni ta' prodotti kontrafatti.

Id-Dipartiment kompla jieħu diversi inizjattivi biex itejjeb l-effiċjenza u l-effettività, u dan fil-qafas ta' dak li qed iseħħ bħalissa fis-servizz pubbliku, f'linja mal-oġġettivi għat-tiġdid tas-servizz, kif ukoll f'konformita' mal-programm tal-Gvern.

F'dan ir-rigward:

- kompliet tiġi implimentata l-*business strategy* għas-snin 2017 - 2019 u twettqu l-miżuri kollha kontemplati fl-istrateġija għall-2018;

- twaqfet skwadra ġdida tal-klieb;

- twaqfet skwadra ġdida kontra l-ħasil ta' flus;

- ġie ristrutturat u msaħħaħ is-servizz ta' intelliġenza;

- ġiet introduzzjoni sistema ġdida tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni relatata ma intelliġenza, biex tgħin fil-funzjoni ta' kontroll li għandu d-Dipartiment;

- kompla jiġi rilokat aktar xogħol *back office* f'Għawdex biex impjegati Għawdxin mad-Dwana kompla jinstabilhom xogħol f'Għawdex stess;

- kompla jsir ix-xogħol preparatorju mal-banek kummerċjali biex id-Dipartiment jintroduċi pagamenti *on line* biex jitnaqqas l-iskariġġ minn fuq l-operaturi ekonomiċi;

- kompliet titħaddem sistema flessibli li permezz tagħha fin-nofs ta' nhari tas-Sajf, filwaqt li l-impjegati jaħdmu l-istess siegħat imqassma fuq ġranet iqsar, id-Dipartiment ikun jista' joffri servizz aħjar lill-klijenti f'ħinijiet itwal f'dan iż-żmien tas-sena;

- komplew jitħaddmu arranġamenti biex sezzjonijiet differenti mid-Direttorat tal-Osservanza u Sistemi u mid-Direttorat tas-Sisa jagħtu servizz f'ħinijiet estiżi, matul is-sena kollha, inkluż waqt il-ħin tal-brejk u matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu nhar ta' Sibt.

Dan kollu wassal biex d-Dipartiment tad-Dwana ta servizz aħjar lill-klijenti, fl-istess ħin li ikkontribwixxa għaż-żieda fid-dħul tal-Gvern, irreġistra l-akbar qabdiet ta' droga fl-istorja tad-Dipartiment, irreġistra qabdiet rekord ta' oġġetti kontrafatti, irreġistra qadbiet rekord ta' sigaretti tal-kuntrabandu, irreġistra wkoll qabdiet rekord ta' moviment ta' flus mhux iddikjarati u kkollabora ma' aġenziji oħra ta' infurzar, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, f'operazzjonijiet kbar ta' suċċess.

## Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*): Riżorsi Umani

Fl-2018, id-Dipartiment tad-Dwana kompla jinvesti fil-ħaddiema u s-sezzjonijiet skont il-*Malta Customs Business Strategy* u, sal-aħħar tas-sena, l-għadd ta' impjegati kien ilaħħaq 387 (fosthom 21% nisa li minnhom 15 ħadmu b'sistema ta' *telework*).

Din il-figura tinkluda persuna ġdida fil-grad ta' *ICT Support Assistant* u oħra ta' *Systems Analyst* fit-Taqsima tas-Sezzjoni tal-IT. Barra minn hekk, żdiedu b'41 in-numru ta' Uffiċjali tad-Dwana u b'26 in-numru ta' Assistenti tad-Dwana u, wara sejħa għal dawk li diġa jaħdmu mal-Gvern, intgħażlu persuni biex jagħmlu xogħol ta' *dog handlers*, flimkien ma' *dog handler instructor* mat-Taqsima ġdida tas-Sezzjoni tal-Klieb.

Aktar impjegati komplew itemmu b'suċċess l-istudji tagħhom biex, sa l-aħħar tas-sena, id-Dipartiment kellu 14% ta' uffiċjali jirċievu *allowance* għal kwalifiki li rċevew (fl-livell ta' Diploma jew Degree).

## Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*): Finanzi - Ġbir ta' Erarju

Il-ġbir totali ta' taxxi f'dan il-perjodu minn attivitajiet doganali kien ta' **€316,545,000**, żieda ta €35,464,043 fuq l-2017.

Magħhom wieħed irid iżid l-ammont ta' **€130,832,000** li huma ammonti miġbura mid-Dwana bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq l-importazzjoni għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi, żieda ta' €9,914,060 fuq l-2017.

B'hekk, l-ammont ta' erarju iġġenerat mill-ħidma tad-Dwana ammonta għal **€447,399,000,** żieda ta' €45,400,103.

*Dazju ta' Importazzjoni*

Il-ġbir li sar mid-dazji tal-importazzjoni, magħrufa wkoll bħala Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), għas-sena 2018 kien ta' **€13,633,000.** Skont l-obbligi li għandhom l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, 80% tal-RPT iridu jiġu trasferiti lill-Unjoni filwaqt li l-20% l-oħra, jinżammu mill-Gvern Malti biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż amministrattivi.

*Dazju tas-Sisa*

Mis-Sisa, fl-2018 id-Dipartiment ġabar **€298,509,000.**

*Dħul ieħor*

Dħul ieħor, minn per eżempju, liċenzji, multi, ħlasijiet amministrattivi, taxxi fuq attività tal-bunkering, renta fuq il-magazzinaġġ, irkantijiet eċċ kien ta' **€4,425,000** għas-sena 2018.

Matul l-2018, id-Dipartiment kompla jiffoka fuq it-titjib tal-metodi tal-ġbir, kif ukoll fuq l-irkupru ta' arretrati. Dan billi baqa' jissorvelja l-modulu ta' kontabbiltà fis-Sistema Elettronika tiegħu, jipproċessa r-rimborżi dovuti lill-operaturi ekonomiċi, minbarra li jissorvelja l-faċilitajiet ta' pagamenti differenti lil ċerti kumpaniji. Dan wassal biex ittejjeb u tħaffef il-metodu ta' kif isiru ir-rifużjonijiet tad-Dazju tal-importazzjoni, rifużjonijiet tad-Dazju tas-Sisa, kif ukoll rifużjonijiet ta' depożiti oħra.



customs.gov.mt

## Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*): Finanzi - *Procurement*

Matul l-2018, id-Dipartiment ikkommetta total ta' 1.482 Ordni għal Xiri Lokali (LPO). Inħarġu żewġ *tenders,* waħda fuq xiri ta' sistema ta' Deċiżjonijiet u Awtorizzazzjonijiet Doganali u l-oħra għal provvediment ta' żewġ vannijiet b'emissjonijiet baxxi għall-Unità tal-Klieb.  . Saru wkoll diversi xiri u tqassim ta' oġġetti varji wara talba għall-istimi kif jitolbu r-regolamenti fuq ix-xiri. Id-Dipartiment kompla jikri ċertu magni tal-uffiċċju bħal photocopiers f'sitwazzjonijiet fejn il-kiri kien jaqbel iżjed ekonomikament.

Diversi oġġetti, inkluż tagħmir tal-uffiċċju u l-għamara, ġew imsewwija jew sostitwiti kif meħtieġ. Oġġetti li jagħmlu parti mill-uniformi ġew mixtrija u mqassma lil dawk il-membri tal-Dipartiment li huma intitolati. Ġew imqassma wkoll uniformijiet speċjali għall-Unità tal-Iskennjar ta' Kontenituri, għall-uffiċjali ta' Hal Far *Gate* u għall-Unità tan-*Non-Proliferation*. L-uniformi sħiħa tax-xitwa tqassmet lill-uffiċjali tal-MIA u lill-uffiċjali tas-*Seaport*. Uffiċjali f'diversi stazzjonijiet differenti ngħataw uniformijiet differenti skond il-prattiċità tas-sezzjoni. Din is-sezzjoni pprovdiet konténituri għar-riċiklaġġ tal-karta, tal-plastik u tal-metall fl-uffiċċji kollha tad-Dipartiment. Tagħmir protettiv u oġġetti oħra relatati mas-saħħa u s-sigurtà ġew ukoll mixtrija u mqassma lill-biċċa l-kbira tal-uffiċjali tad-Dwana.

## Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*): TARIC u Kwoti

Matul l-2018, l-Unità tat-TARIC u Kwoti kienet inkarigata mill-ipproċessar u l-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni li fuqhom l-operaturi ekonomiċi setgħu jibbenefikaw minn kwoti agrikoli mmaniġġjati mid-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DG AGRI) tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll minn kwoti magħrufa bħala *first-come-first serve* immaniġġjati mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (DG TAXUD) tal-Kummissjoni Ewropea. Il-moviment ta' ċerti prodotti agrikoli kien ikkontrollat permezz tal-proċedura tat-tranżitu fuq ir-rikjesta ta' Stati Membri oħra għal skopijiet ta' benefiċċju mis-sistema ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

L-Unità indirizzat il-problemi kollha li l-aġenti tal-vapuri kellhom rigward il-manifesti. Membri ta' din l-Unità pparteċipaw f'laqgħat dwar it-TARIC, Kwoti u Sorveljanza fi Brussell. L-Unità kellha kuntatt ma' laboratorji ta' Stati Membri oħra, speċjalment dawk tal-Italja u l-Olanda, b'konnessjoni mal-analiżi ta' diversi prodotti għal skopijiet ta' klassifika u ħlasijiet ta' taxxi relattivi. Ir-rapporti dwar id-Dazji kontra d-*dumping* u s-sorveljanza ġew mibgħuta regolarment lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea.

## Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*): Servizzi mir-Reġistru tad-Dwana

Is-Sezzjoni tar-Registry hija ċ-ċentru tal-komunikazzjoni tad-Dipartiment, minn fejn jgħaddu l-fajls kollha, iżżomm rekord tal-movimenti kollha ta' kull fajl u tiżgura li fajls jaslu lill-uffiċċjal konċernat, kif meħtieġ u fil-ħin.

Matul l-2018, infetħu 4,094 fajls ġodda u saru 46,968 movimenti fuq il-fajls. Jinfetħu wkoll fajls għar-rapporti li jsiru minn sezzjonijiet differenti tad-Dwana.

Matul is-sena n-numru ta' ċirkularijiet, li l-*Management* ikun irid iwassal lill-impjegati tad-Dwana, li ittellgħu fuq il-*Portal* tad-Dwana kien ta' 266. Barra minnhekk, twasslu wkoll ċirkularijiet oħra minn Dipartimenti oħra tal-Gvern, li jkunu jikkonċernaw lill-ħaddiema.

Din iz-sezzjoni tirċievi hafna mistoqsijiet minn sezzjonijiet oħra dwar fajls u tiċċekkja mas-sistema tagħha biex tirrispondi għal mistoqsijiet tagħhom.

## Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*): *International & EU Programmes Unit*

Matul 2018, id-Dwana ta' Malta kienet rappreżentata f'246 laqgħa organizzati mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja, li fihom ħadu sehem 349 parteċipant.

L-istediniet u l-informazzjon meħtieġa kollha li tasal permezz tas-sistema PICS - *Programmes Information and Collaboration Space,* titqassam lill-parrteċipanti. Ir-rekords tal-baġit finanzjarju kollha, kemm dawk tal-attivitajiet nazzjonali, kif ukoll dawk tal-*Customs 2020 Programme* kienu miżmuma fis-sistema DAS u f'kont kapitali tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Is-sistema ART *(Activity Reporting Tool)* tinżamm ukoll dejjem aġġornata biex tkun tista' tiġi moniterata mill-*Customs Programme Management Team* (CPMT), f'isem il-Kummissjoni. Din is-sezzjoni ħadet ħsieb tagħmel l-arranġamenti loġistiċi neċessarji kollha għal tliet laqgħat tal-*Customs 2020 Programme* li saru f' Malta matul is-sena.

## Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u *Policy* (*International Affairs & Policy*)

L-2018 kienet sena intensiva għad-Direttorat tal-*International Affairs and Policy* fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana.

Minkejja li t-titlu juri li dan id-Direttorat imiss ma kull relazzjoni li d-Dipartiment ikollu ma dak li jaffetwana lil hinn minn xtutna, bla dubju ta' xejn ħafna mix-xogħol hu influwenzat mill-, jew għandu xi tip ta' konnessjoni mal-, Unjoni Ewropeja, jew inkella hu effett dirett tal-Ghaqda Doganali tagħha. Membri tad-Direttorat irrappreżentaw lid-Dipartiment tad-Dwana f'diversi laqgħat, *working groups*, *workshops* u *seminars,* kemm fi Stati Membri tal-UE, kif ukoll f'pajjiżi oħra u fora internazzjonali. Apparti l-ħidma fuq sfera internazzjonali, d-Direttorat hu anke responsabbli min-*Non-Proliferation Unit* u l-*Customs Training Unit.*

### *Ħidma Internazzjonali*

Dan id-Direttorat għen lill-kumplament tal-*Management,* u ħaddiema oħra, fil-parti l-kbira tax-xogħol tagħhom assoċjat mal-Unjoni Ewropeja. F'dan ir-rigward, id-Direttorat żamm kuntatt dirett mad-Direttorat tal-Affarijiet Ewropej tal-Ministeru tal-Finanzi, dak tal-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, kif ukoll mar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Dan id-Direttorat ikkordina wkoll kummenti fuq dokumenti u risposti għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Kummissjoni Ewropeja jew il-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja.

F'Gunju 2018, Id-Direttorat ħa ħsieb ukoll il-koordinazzjoni tal-eżercizzju ta' awditjar dwar it-*Traditional Own Resources* li sar mid-Direttorat tal-Budget fi ħdan il-Kummissjoni Ewropeja.

Il-parti l-kbira tax-xoghol marbut mal-Unjoni Ewropeja kien assoċjat ma l-introduzzjoni ta' proposti ġodda ta' leġislazzjoni fuq bażi Ewropeja, fosthom dik marbuta mal-introduzzjoni tal-kontrolli fuq importazzjoni ta' oġġetti kulturali , emendi tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (partikolarment minħabba BREXIT), kif ukoll laqgħat u diskussjonijiet bi preparazzjoni għall-istess BREXIT. F'din l-isfera Ewropeja, id-Direttorat ħa ħsieb li d-Dipartiment jagħti l-kontribut tiegħu fil-Council Working Party on Customs Union billi ikkordina internament il-pożizzjonijiet li l-kollegi kellhom jieħdu permezz ta' *instruction notes* neċessarji, ħadem mill-qrib mal-Ministeru għall-Finanzi u mal-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, prinċipalment biex jottjeni l-awtorizzazzjonijiet neċessarji tagħhom.

Bla dubju ta' xejn, BREXIT ħalliet effett qawwi fuq l-operat tad-Direttorat. Dan l-ammont ta' xogħol straordinarju kien rifless f'laqgħat, preparazzjoni ta' dokumentazzjoni, analiżi u teħid ta' pożizzjonijiet għall-proċeduri li jridu jittieħdu malli r-Rejnu Unit iħalli l-Unjoni Ewropeja.

Dan id-Direttorat ħa ħsieb ukoll ix-xoghol assoċjat mal-Organizzazzjoni Dinija tad-Dwaniet (WCO), ma diversi fora tan-Nazzjonijiet Magħquda, il-*World Bank* u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

Id-Diretorat tal-*International Affairs and Policy* jieħu ħsieb ukoll jiġbor l-istatistika li kull tliet xhur (u anke fuq bazi annwali) li trid tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropeja. Dan ix-xogħol irid koordinazzjoni sħiħa ma diversi sezzjonijiet ġewwa d-Dipartiment u skrutinju sħiħ tal-informazzjoni qabel tintbagħat għand il-Kummissjoni Ewropeja.

Id-Direttorat tal-*International Affairs and Policy* amministra ukoll ir-responsabilitajiet assoċjati ma diversi sanzjonijiet fuq negozju, minn u lejn diversi pajjiżi, li jidħlu fis-seħħ minn żmien għal żmien. Fil-fatt, dan id-Direttorat jirappreżenta lid-Dipartimemt tad-Dwana fuq is-*Sanctions Monitoring Board,* u bordijiet oħra li jittrattaw obbligi internazzjonali mid-Dipartimet tad-Dwana.

Kif aċċennat qabel, dan id-Direttorat jieħu ħsieb jikkordina l-kominikazzjoni kollha tad-Dipariment mal-istituzzjonijiet Ewropej, u oħrajn globali. Peress li fis-sena 2018, l-Unjoni Doganali Ewropeja ċċelebrat il-50 sena mit-twaqqif tagħha, id-Direttorat żamm kuntatt kontinwu mal-Kummissjoni Ewropeja biex jitnieda ktieb kommemorattiv biex ifakkar dan l-anniversarju importanti. L-idea ta' dan il-ktieb originat mid-Dipartiment u l-Kummissjoni Ewropeja ddeċidiet li tieħdu taħt l-awspiċi tagħha u tippreżentah bħala komunikazzjoni uffiċjali tagħha. Il-ktieb kien imniedi f'Malta f'Novembru 2018.

Inizzjattiva oħra meħuda kienet dik ta' tnedija ta' *video game,* li oriġinat mid-Dwana Maltija, u li nqalbet mill-Kummissjoni Ewropeja għal kull lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

## Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u *Policy* (*International Affairs & Policy*): *Non Proliferation*

L-għan prinċipali tan-*Non Proliferation Unit* (NPU) huwa li jinforza, u jassigura, konformita' mar-regoli fil-kummerċ fejn għandhom x'jaqsmu materjali, oġġetti u apparat sensittiv bħal dawk b'użu doppju, tixrid tal-armi, u armi għal-qerda tal-massa, prekursuri tagħhom u mezzi ta' twassil għalihom, kif ukoll li tiġġieled kontra t-terroriżmu partikolarment dak nukleari.

Matul l-2018, il-ħidma tan-*NPU* kompliet tikkonċentra fuq l-infurzar tar-regolamenti dwar kontrolli tal-esportazzjoni, miżuri restrittivi tal-Unjoni Ewropea u sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti imposti fuq għadd ta' pajjiżi, u fuq *non-state actors* bħal organizzazzjonijiet terroristiċi.

Kompla jsir skrutinju għal kummerċ ta' oġġetti relatati ma' tbaħħir (*outboard motors/dingies*, eċċ...) destinati lejn il-Libja, b'konnessjoni mal-provvedimenti tal-*Council Regulation (EU) 2017/1325*, li jikkonċernaw il-faċilitazzjoni tat-traffikar ta' immigranti.

In-*NPU* wettqet 98 skrutinju dettaljat ta' dokumentazzjoni relatati ma' kunsinni f'kontejners marittimi għall-esportazzjoni u trażbord. 54 kontejner kienu mitlubin għal *scanning* waqt li 19-il kontejner ġew spezzjonati fiżikament bir-riżultat li 30 kunsinna kienu miżmuma minħabba li l-kontenut tagħhom kien possibilment suġġett għall-provvedimenti tar-regolamenti tal-kontroll, u referuti lill-awtoritajiet kompetenti. Uħud għaddew minn proċess ta' liċenzjar skond il-provedimenti legali, waqt li oħrajn għadhom qed ikunu mistħarrġa jew ipproċessati.  Dawk il-kommoditajiet li nstab li ma kienux suġġetti għall-kontroll, kienu rilaxxati.

Matul il-perjodu kopert b'dan ir-rapport, saru wkoll 6 skrutinji dettaljati ta' dokumentazzjoni u riċerka oħra fir-rigward ta' kunsinni bl-ajru u *Courier & Express Freight,* u f'każ minnhom spezzjoni fiżika tal-pakkett. Kunsinna waħda nżammet għal aktar investigazzjoni u verifiki.

B'kollox matul l-2018 interventi mill-NPU li ġew riferuti lil-awtorita' kompetenti*, Directorate for Trade Services,* waslu għal disgħa applikazzjonijiet għall-liċenzja għall-esportazzjoni li ġew approvati. Żewġ kunsinni għadhom miżmuma sakemm tinħarġilhom liċenzja, jew sakemm tittieħed deċiżjoni.

## Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u *Policy* (*International Affairs & Policy*): Training Unit

Id-Direttorat jemmen bis-saħħa fl-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet tal-ħaddiema tad-Dipartiment u, għaldaqstant, dejjem iħeġġeġ lill-uffiċjali kollha biex jieħdu kull opportunità ġdida biex ikomplu

jedukaw ruħhom u jiżviluppaw aktar il-ħiliet tagħhom. Għal dan il-għan, l-uffiċjali attendew bosta korsijiet dwar suġġetti varji u speċjalizzati, sew lokalment, kif ukoll barra minn Malta.

Matul l-2018, il-*Customs Training Unit* organizza 67 kors imferrxa fuq 620 siegħa. Dawn ittrattaw 23 suġġett differenti li ffukaw fuq diversi prattiċi operattivi u proċeduri doganali. Il-parti l-kbira minnhom kienu mnedija *in-house* u mmirati għall-ħaddiema tad-Dipartiment, filwaqt li l-bqija kienu jiffokaw fuq il-*Customs Electronic Systems* u offruti lis-settur privat.

Total ta' 894 parteċipant attendew korsijiet imnedija mill-*Customs Training Unit* matul l-2018. 69% kienu ħaddiema tad-Dipartiment. Persentaġġ żgħir ta' 7% tal-korsijiet kienu mnedija għal udjenza mħallta bejn ħaddiema mid-Dipartiment u kollegi barranin. Il-bqija, 24%, kienu mmirati lejn klijenti tad-Dipartiment mis-settur privat.

Din-is-sezzjoni ukoll nediet *training needs analysis* intensiv bi preparazzjoni għal programm ta' ħidma tal-2019. It-tabella li ssegwi turi l-korsijiet li inagħtaw matul l-2018:




Din is-Sezzjoni ħadet ħsieb tipprepara *training rooms* ġodda biex tkun tista' tilqa' aħjar u żżid fl-ammont ta' korsijiet li jistgħu jinagħtaw. Dan ix-xogħol għadu għaddej u mistenni jitlesta kmieni matul l-2019.

## Direttorat għas-Sisa (*Excise*): Reġim tas-Sisa

Dan id-Direttorat jaqgħu taħt id-direzzjoni tiegħu 8 uffiċċji tad-Dwana, 5 direttament involuti fil-mekkaniżmu tar-reġim tas-Sisa, wieħed mal-proċedura tal-magazzinaġġ u ieħor biex jieħu ħsieb bejgħ bl-offerta', jew b'irkant, ta' oġġetti maqbuda mid-Dwana. L-uffiċċji huma: *Tobacco Products Unit, Alcohol Beverages Unit, Energy Products Unit, Non Harmonised Goods Unit, Central Excise Liaison Office, Excise Refunds' Processing Office, Customs Warehousing Unit* u *Auctions' Section.*

Dan id-Direttorat, li huwa l-aktar direttorat li jiġġenera erarju għall-Gvern, matul l-2018 kien iffukat ukoll fuq ir-reviżjoni tal-qafas legali tas-Sisa biex il-liġijiet kollha jiġu aġġornati maż-żmien tal-lum.

Sadanittant, id-Dipartiment tad-Dwana jaħseb, kontinwament, kif se jtejjeb is-servizzi tiegħu favur il-kummerċ, iffukat l-aktar fuq servizz mingħajr dewmien u ntoppi. Għalhekk, fl-2018, id-Direttorat kompla bil-proċedura li meta l-operaturi ekonomiċi jdaħħlu konsenji ta' affarijiet non-armonizzati minn Membri Stati oħra bħala merkanzija suġġetta għas-Sisa, dawn jistgħu jagħżlu li ma jippreżentawx id-dikjarazzjoni tal-importazzjoni qabel ma jinħarġilhom il-*gate pass out.*

F'dan il-każ huma jippreżentaw l-*invoice* u xi dokumenti oħra relatati mal-konsenja. Id-dikjarazzjonijiet fin-*National Import System* isiru fi żmien 48 siegħa xogħol. B'hekk dawn ikunu jistgħu jieħdu x-xogħol malajr biex jirrilaxxawh fis-suq u b'hekk inqata' kull element ta' kompetizzjoni inġusta li seta' kien hemm minn merkanzija li tasal akkumpanjata.

Il-proċess ta' simplifikazzjoni kompla wkoll billi numru ta' proċeduri li jiġu segwiti ġew simplifikati biex jiġi ffrankat ħin prezzjuż kemm għall-kummerċjant, kif ukoll għad-Dipartiment, fl-istess ħin li kompla jersaq lejn il-prinċipju ta' *paperless environment.* Dan qed isir l-applikazzjonijiet għall-magazzinier awtorizzat jew konsenjatur reġistrat qed isiru permezz tal-posta elettronika. Ordnijiet għall-faxex tas-Sisa wkoll bdew isiru permezz tal-posta elettronika.

Simplifikazzjoni oħra li ġiet addottata tinvolvi s-sistema dwar *filing.* Qegħdin naħdmu b`tali mod, li *file,* jekk jista' jkun, jgħaddi darba għand persuna fil-*management* u dan meta tkun trid tittieħed deċiżjoni. Dan biex titnaqqas il-burokrazija fejn *file* joqgħod għaddej mingħand persuna għal oħra, meta fil-fatt ma jkunx jeħtieg li jsir dan.

<u>Prodotti ta' enerġija</u>

Ix-xogħol prinċipali tal-*Energy Products Unit* matul l-2018 ikkonsista f'sorveljanza u kontrolli fuq żbark, importazzjoni, u rilaxx ta' kwalunkwe tip ta' *fue,l* sew għal dawk intenzjonati għall-uzu fis-suq lokali, kif ukoll għall- esportazzjoni.

L-għan prinċipali kien li tinġabar fil-ħin it- taxxa dovuta li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa , VAT u *bunker tax* u fl-istess ħin jingħata servizz adekwat lin-negozju li jopera fis-settur tal-enerġija. Barra min dan, l-uffiċċju awtorizza ukoll ir-rilaxx ta' għadd ġmielu ta' kontejners ta' żjut lubrikanti ta' importaturi varji.

Hawn taħt jidhru xi statistiċi ta' xi wħud mill prodotti prinċipali li l-aktar li ġew ikkunsmati u ġew mibjugħa u t-taxxa tas–Sisa li ġiet miġbura minn fuqhom:

| | Heating Diesel (rebated) | Heating Diesel (full) | EN 590 Diesel | GASOIL 0.1 |
|---|---|---|---|---|
| Total litri ikkunsmati | 3,255,378 | 10,608,085 | 192,606,006 | 4,745,664 |
| Total taxxa tas-Sisa | € 755,573 | € 5,011,259 | € 90,987,077 | € 2,241,851 |

| | Ahmar bin N/M | Ahdar bin N/M | Unleaded Petrol |
|---|---|---|---|
| Total litri (sales ) | 15,873,747 | 10,942,386 | 104,517,460 |
| Total taxxa tas-Sisa | € 7,460,661 | € 5,142,921 | € 2,825,418 |

Barra minn dawn il-prodotti, ġew importati 25,058.285 tunnellati metrici ta gass li l-użu tiegħu jvarja bejn dak għal konsum bħala fuel għall-vetturi, filwaqt li l-ieħor intuża għal użu domestiku. L-ammont ta' Sisa li nġabret minn fuq il-gass kien ta' €898,284.

Fil-Baġit ta' Ottubru 2016 ġiet introdotta miżura li l-iskop ewlieni tagħha kien sabiex jinqered l-abbuż fuq l-użu illeċitu tal-fjuwil li jintuża għat-tisħin. Tajjeb wieħed jgħid li dan il-fjuwil jista' jintuza biss għal skopijiet ta' produzzjoni ta' sħana. Mal-medda taż-żmien minn meta ġie introdott l-ewwel darba fil-15 ta' Diċembru 2008, jidher li kienu qed isiru abbużi fuq l-użu tiegħu. Dan kien qiegħed iwassal għall-evażjoni ta' dazju kif ukoll kien qed joħloq tfixkil lill-attivita' tal-kommunita kummercjali li anki din bdiet issemma lehinha. Fil-fatt, l-operaturi fil-qasam tal-*fuel*, flimkien ma' rappreżentanti tagħhom mill-Kamra tal-Kummerċ u l-GRTU, avviċinaw lill-Gvern jilmentaw minn kompetizzjoni inġusta kaġun ta' użu illeċtu ta' *diesel* li jinxtara b'rata mraħħsa b'aktar minn 50 fil-mija, u li, minflok jintuża biex wieħed isaħħan, jista' jagħti l-każ li kien qiegħed jintuża bħala propellant.

Il-miżuri li ġew introdotti kienu illi dan it-tip ta fjuwil jinxtara bid-dazju tas-Sisa mħallas kollu. Meta il-konsumatur jew l-operatur kummerċjali jkun ikkonsma il-kwantitajiet mixtrija, jitlob għall-rifużjoni tat-taxxa tas-Sisa li tkun tħallset żejda fuq il-fjuwil mixtri. Din ir-rifużjoni tinagħata lura wara li jkunu saru l-verifiki meħtiega mill-awtorita' kompetenti tad-Dwana. Fil-verita', din kienet miżura fiskalment newtrali u l-iskop tagħha kien biss wieħed ta' infurzar aħjar. L-indikazzjonijiet minnha, wara sena titħaddem, juru illi permezz tagħha ingħalqet toqba ta' evażjoni ta' madwar 12-il miljun ewro.

<u>Rifużjoni tas-sisa</u>

L-Uffiċju tar-Rifużjonijiet tad-Dazju tas-Sisa jieħu ħsieb li jipproċessa talbiet ta' parti, jew rifużjoni totali, tad-Dazju tas-Sisa li tkun tħallset fuq karburanti kkunsmati minn inġenji tal-baħar kif ukoll minn vetturi ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali stabbiliti Malta. Dan kollu huwa rregolat mill-Att dwar id-Dazju tas-Sisa KAP 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ ta' Operaturi Ekonomiċi dawn huma ntitolati għal rifuzjoni fuq il-karburant *diesel* jew *gas oil* biss, u dan dejjem jekk il-karburant ikun aħmar u jkollu l-Marka Nazzjonali. Biex l-Operaturi Ekonomiċi jikkwalifikaw għal din ir-rifuzjoni jridu jkunu nvoluti f'attivitajiet marittimi li huma kummerċjali. Ir-Raba' Skeda tal-Att dwar id-Dazju Tas-Sisa KAP 382 tal-Liġijiet ta' Malta telenka dawk l-attivitajiet kummerċali li jkkwalifikaw għal rifużjoni. Rifużjoni tista' wkoll tiġi fis-seħħ permezz ta' Ordni Ministerjali.

L-Operaturi Ekonomiċi jagħmlu t-talbiet tagħhom f'dan l-uffiċju bil-miktub. Dan jagħmluh permezz ta' ittra li jkollha magħha dokumentazzjoni li tikkonferma ix-xiri tal-karburant. Barra hekk jiġu ppreżentati wkoll l-irċevuti neċessarji kif ukoll kopji ta' dokumentazzjoni oħra li jinżammu abbord il-biċċa tal-baħar. Meta ssir talba għal rifużjoni jsir l-iċċekjar neċessarju sabiex jiġi stabbilit illi l-figuri ta' litri tal-karburant li tiegħu qed issir talba ta' rifużjoni mill-Operatur Ekonomiku jkun jaqbel ma' dawk il-figuri li jkun iddikjara il-bejjiegħ tal-karburant. Barra minn hekk jiġi vverifikat ukoll illi dak id-dazju kollu li dwaru tkun intalbet rifużjoni jkun inġabar kollu u jkun jidher fuq l-irċevuta tad-Dwana. Fil-każ ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali, dawn ukoll jissottomettu it-talbiet tagħhom bil-miktub kull meta jagħmlu talba għal-rifużjoni.

Matul l-2018, Missjonijiet Diplomatiċi kif ukoll Organizzazzjonijiet Internazzjonali f'Malta ġew rifużi l-ammont ta' **€49,400** f'dazju tas-Sisa lura fuq kurburanti li xtraw għall-użu tagħhom.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni mill-Operaturi Ekonomici jammonta għal **15,316,830** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€5,551,781.**

Matul l-istess perjodu, id-Direttorat ipproċessa **67** talba ta' rifużjoni li saru minn Operaturi Ekonomiċi fuq *diesel* jew *gas oil* li ntuża fuq l-inġenji tal-baħar f'attivitajiet kummerċjali kif deskritt fir-Raba' Skeda ta' l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa Kap 382. Ġew ipproċessati wkoll **242** talba ta' rifużjoni fuq *Heating Gas Oil*. Dawn it-talbiet saru kemm minn Operaturi Ekonomiċi, bħal lukandi u fabbriki, kif ukoll minn azjendi oħra. Saru wkoll talbiet minn djar privati.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni lill-Operaturi Ekonomiċi u djar privati jammonta għal **7,109,778** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€1,708,545.**

## Direttorat għall-Osservanza u Sistemi (*Compliance & Systems*)

Dan id-direttorat huwa primarjament magħmul minn tlett taqsimiet li huma: proċessi, ħatt u rilaxx ta' merkanzija u sistemi tal-kompjuter u l-informazzjoni teknoloġika, li kumplessivament bejniethom għandhom 13-il sezzjoni.

Matul l-2018, dan id-Direttorat kellu laqgħat ma' diversi dipartimenti u awtoritajiet oħrajn, mas-settur kummerċjali u l-għaqdiet li jirrappreżentawhom, u ma' oħrajn li b'mod dirett jew indirett ikollhom konnessjoni mad-Dwana, fosthom il-*Malta Enterprise u* l-*Business First* li qiegħed iservi bħala *One-Stop-Shop* għal dawk li jkunu jridu jidħlu fid-dinja tan-negozju. Saru wkoll laqgħat ta' preparazzjoni mal-*Business First*, bil-għan li matul is-sena 2019, id-Dipartiment tad-Dwana wkoll ikun irrappreżentat f'dan il-*One-Stop-Shop*.

Dan id-Direttorat kompla jaħdem id f'id ma, u jsegwi mill-viċin liġijiet ta', dipartimenti u awtoritajiet oħra bħalma huma l-Awtorita' ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), il-*Border Inspection Post* (BIP) tad-Dipartiment Veterinarju, id-Dipartiment tal-Kummerċ u d-Dipartiment tas-Saħħa fost oħrajn.

Numru ta' sezzjonijiet fi ħdan dan id-Direttorat huma responsabbli mill-ġbir tat-taxxi, sew dawk li jibqgħu fil-pajjiż, bħalma hi t-taxxa tas-sisa, il-VAT, liċenzji operattivi u multi, kif ukoll bħalma huma d-dazju fuq l-importazzjoni, anti-dumping duty u countervailling duty, li 20% biss ikunu dovuti lill-pajjiż, bil-kumplament jgħaddu lill-Unjoni Ewropeja.

Sadanittant, l-impjegati ta' dan id-Direttorat komplew jassistu lill-pubbliku saħansitra waqt il-ħin uffiċjali tal-brejk. Din il-faċilita' ġiet introdotta fis-sezzjonijiet tas-Servizz lill-Klijenti, Proċessi Ekonomiċi, Valutazzjoni, Verifikazzjoni u fil-*Containers & Groupage Section*. Fil-fatt, matul l-2018, din il-miżura ġiet estiża fil-grada tal-Kumpless ta' Ħal Far.

Filwaqt li twaqqaf tim għall-implimentazzjoni tan-*National Single Window*, tant li matul it-tielet kwart tas-sena 2019 mistenni li jinfetħu l-offerti, matul l-2018 intlaqgħu l-offerti għas-sistema *e-authorisations*, fejn il-proċessi manwali ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ser isiru kollha elettroniċi.

Matul din is-sena wkoll, dan id-Direttorat organizza żewġ laqgħat ferm importanti. Il-ħames laqgħa tal-*Authorised Economic Operators* (*AEO Network Meeting*), li għalih kien hemm preżenza minn kull stat membru fl-Unjoni Ewropeja. Din il-laqgħa, mifruxa fuq tlett ijiem, ittellgħet fil-Cavalieri Art Hotel, San Ġiljan, bejn it-23 u l-25 ta' Ottubru, 2018.

Il-ħdax-il laqgħa għall-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropeja biex tiddiskuti l-implimentazzjoni ta' *Single Window* Ewropeja (EU Single Window) ukoll ittellgħet f'Malta, proprjament fil-Waterfront Hotel, f'Tas-Sliema, bejn it-3 u l-5 ta' Diċembru, 2018.

<u>Statistika</u>

Dawn it-tabelli t'hawn taħt juru n-numru ta' dikjarazzjonijiet li daħlu fis-sistema tal-importazzjoni u l-esportazzjoni. Tindika wkoll in-numru u l-persentaġġ ta' dawk magħżula għal spezzjoni (riskju aħmar), dokumenti li ġew ipproċessati qabel ma finalment ġie deċiż jekk il-merkanzija għandiex tiġi rrilaxxata mmeddjatament jew issir spezzjoni (risku isfar) u l-merkanzija li ġiet irrillaxxata immedjatament (risku aħdar).

| **Dikjarazzjonijiet fis-sistema tal-importazzjoni** | | |
|---|---|---|
| RISKJU | Numru ta' dikjarazzjonijiet | Persentaġġ |
| Aħmar | 26,631 | 20.4 |
| Aħdar | 98,737 | 75.6 |
| Isfar | 5,225 | 4.0 |
| TOTAL | 130,593 | 100 |

| Dikjarazzjonijiet fis-sistema tal-esportazzjoni | | |
|---|---|---|
| RISKJU | Numru ta' dikjarazzjonijiet | Persentaġġ |
| Aħmar | 3,841 | 15.4 |
| Aħdar | 21,088 | 84.6 |
| TOTAL | 24,928 | 100 |

Dan id-Direttorat ser ikun qed ikompli jiffoka fuq erba' proġetti ewlenin.

Fl-ewwel kwart tas-sena l-ġdida, mistenni jiġi ffirmat il-ftehim bejn il-Valletta Gateway Terminal (VGT) u d-Dipartiment tad-Dwana għal bini ta' ufficini ġodda u adekwati minn fejn l-Uffiċjali tad-Dwana jkunu jistgħu jagħtu s-servizzi tagħhom f'Xatt il-Laboratorju.

Wara li saru l-preparamenti meħtieġa, ix-xogħol fil-Kumpless ta' Ħal Far mistenni jibda x-xogħol. Dan jinkludi pjan ħolistiku, inkluż iżda mhux biss, il-manutenzjoni meħtieġa fuq l-entratura ewlenija, il-kamra tal-gwardjani, l-uffiċini u l-imħażen.

Id-diskussjonijiet fuq l-operat b'mod ħolistiku tal-Posta għadhom għaddejjin u mhux mistenni iktar dewmien sabiex nintroduċu sistema ġdida fejn id-dikjarazzjonijiet kollha jsiru b'mod elettroniku u dan dejjem bil-għan li l-pubbliku jingħata servizz aħjar u fl-iqsar żmien possibbli.

Matul l-ewwel kwart tas-sena l-ġdida ser jinbeda proġett pilota fejn l-uffiċjali tad-Dwana ser jingħataw *tablet* biex ir-riżultat tal-analiżi tar-riskju jsir immeddjatament. Hekk jiġi assigurat li ma jkunx hemm dewmien sabiex ir-riżultat tal-ispezzjoni jasal fis-sezzjoni tal-immaniġjar tar-riskju fl-immeddjat filwaqt li t-taxxi dovuti jinġabru fl-iqsar żmien possibbli.

## Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*): Kontroll tal-Fruntiera

Id-Direttorat tal-Infurzar għandu funzjoni li titwessa' minn fuq il-fruntiera ghal ġewwa s-suq intern.

Il-funzjonijiet prinċipali tat-taqsima tal-kontroll fuq il-fruntiera jinkludu spedizzjonijiet 'l ġewwa u 'l barra ta' bastimenti, jottijiet, ajruplani u passiġġieri, kif ukoll kontroll fuq ġarr ta' provvisti lejn bastimenti barra l-portijiet. Tinżamm sorveljanza fuq l-art u l-baħar f'żoni li jaqgħu taħt id-Dwana. Fl-ajruport, minbarra kontrolli fuq oġġetti mal-wasla ta' passiġġieri, isiru spezzjonijiet fuq il-ħatt u tagħbija ta' merkanzija.

Statistika: Ufficċju Marittimu tad-Dwana fil-Port il-Kbir

| | | 2018 |
|---|---|---|
| Wasliet ta' Bastimenti | Mill-UE | 3484 |
| | Barra mill-UE | 4066 |
| Bastimenti spediti | barra l-UE | 4642 |
| | Lejn UE | 2507 |
| Passiġġieri | Dħul | 147558 |
| | Ħruġ | 142183 |
| | Tranżitu | 602001 |
| Karozzi akkumpanjati minn sidhom | Dħul | 31408 |
| | Ħruġ | 29107 |
| Awtorizzazzjoni, bi proċeduri flimkien ma' dipartimenti oħrajn, inħarġu għal servizz ta' provisti fuq il-baħar, jew sabiex jitwasslu membri tal-ekwipaġġ jew uffiċjali, bħal inġiniera eċċ.,fuq vapuri li jkunu għaddejjin mill-ibħra territorjali Maltin. | | 1394 |
| Ipproċessar ta' dokument ta' tranżitu ta' oġġetti | Uffiċju Marittimu | 1222 |
| | Uffiċju ieħor tad-Dwana *(Customer Services*) | 544 |
| Talbiet għal trasport ta' oġġetti bla dazju | | 1728 |
| Awtorizzazzjoni sabiex ikun jista' jittieħed fjuwil għall-esportazzjoni | | 5904 |
| Esportazzjoni ta' oġġetti konklużi fl-uffiċju Marittimu | | 170 |
| Dikjarazzjonijiet ta' movumenti ta' flus | | 27 |
| Tfittxijiet fuq bastimenti | | 1 |

Statistika: Jottijiet

| | | 2018 |
|---|---|---|
| Wasliet ta' jottijiet | mill-UE | 552 |
| | Barra mill-UE | 200 |
| Jottijiet spediti | Lejn UE | 565 |
| | barra l-UE | 150 |

Statistika: Ajruport

| | | 2018 |
|---|---|---|
| Wasliet ta' ajruplani li ġew minn pajjiżi barra l-UE | | 5375 |
| Passiġġieri minn pajjiżi mhux fl-UE | Dħul | 326651 |
| | Dħul fi tranżitu | 2598 |
| | Tluq lejn pajjiżi barra L-UE | 415137 |
| | Tluq fi Tranżitu | 5199 |
| Qabdiet ta' prodotti b'oriġini minn annimali, li kollha ġew meqruda b'inċinerazzjoni | | 315 qabdiet (1122.49KG) |
| Ġbir ta' dazji ta' mportazzjoni u sisa, VAT kif ukoll multi applikati fuq oġġetti mhux dikjarati minn passiġġieri. | | €133636 |
| Ġbir ta' dazji ta' mportazzjoni u l-VAT skont dikjarazzjonijiet fis-sistema elettronika fuq oġġetti kummerċjali, akkumpanjati mill-passiġġieri | | €79 |
| Spezzjonijiet relatati ma' CITES u ħtiġijiet veterinarji | | 43 |
| Kontroll ta' annimali domestiċi akkumpanjati mill-passiġġieri | | 1592 |
| Tfittxijiet fuq ajruplani | | 0 |
| talbiet għal rifużjoni ta' VAT | | 7839 |
| Spezzjonijiet fl-esportazzjoni akkumpanjata, inkluż ta' oġġetti prezzjużi. | | 95 |
| Dikjarazzjonijiet mill-passiġġieri ta' movumenti ta' flus mal-wasla jew qabel it-tluq tagħhom | | 392 |
| Kontrolli ta' flus fuq passiġġieri mal-wasla jew qabel it-tluq tagħhom | | 230 |

## Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*): Taqsima tal-Infurzar

Din it-taqsima għandha firxa wiesgħa ta' funzjonijiet li, minbarra kontrolli fuq il-fruntiera, jinkludu spezzjonijiet fis-suq u investigazzjonijiet.

Fl-ajruport, il-membri ta' din it-taqsima jwettqu tfitxijiet ta' merkanzija u bagalji, u anke fuq il-persuna, bi skop li jxejnu id-dħul ta' oġġetti pprojbiti u jaraw li jiġi dikjarat kull materjal ristrett. Bosta

minn dawn it-tfittxijiet isiru bl-użu ta' X-Ray skenners u meta jkun hemm inkonsistenza fl-immaġini ssir spezzjoni fiżika tal-kontenut. Isiru ukoll kontrolli ai termini tal-ligi sussidjarja 233/07 f'dak li għandu x'jaqsam ma' moviment ta' flus ('il fuq minn €10,000) li jkunu deħlin, għaddejjin jew ħerġin minn Malta. Dan l-istess xogħol jirrepeti ruħu fil-portijiet, u kien għalhekk li din it-taqsima ħadet il-ħsieb li tagħti taħriġ lil diversi uffiċjali minn branek oħra biex ikunu jistgħu jassistu lill-membri tal-Infurzar.

Dmirijiet oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' ta' din is-sezzjoni jinkludu spezzjonijiet f'postijiet kummerċjali fit-teritorju Malti (li jinkludu ħwienet u swieq fil-miftuħa) għal prodotti ta' tabakk, alkoħol u prodotti ta' żjut, kif ukoll prodotti oħra li mhumiex armonizżati izda huma suġġetti għal ħlas tas-sisa. Din it-taqsima tassisti wkoll entitajiet u dipartimenti oħra bi spezzjonijiet ta' merkanzija li tasal Malta, ġeneralment bil-baħar f'kontejners. Ikun hemm każi meta dan l-eżerċizzju jkun parti minn operazzjoni konġunta ma' entitajiet minn pajjiżi Ewropej kif ukoll pajjiżi terzi.

Fl-2017, id-Dipartiment talab għall-fondi mill-*HERCULE III Programme*, li huwa programm fi ħdan l-OLAF, biex din is-sezzjoni terġa twaqqaf taqsima tal-klieb li jkunu mħarrġin biex ixommu prodotti ta' tabakk, droga, kif ukoll flus kontanti. Din it-talba intlaqgħet u inagħtat is-somma ta' €331,000. F' Gunju tas-sena 2018, din it-taqsima bdiet tiffunzjona u sa Dicembru kellna *dog instructor*, sebgħa *dog handlers* kif ukoll sebgħat iklieb imħarrġin f'dan il-qasam. Bi p'jaċir ngħidu li għalkemm din it-taqsima għadha fil-bidu tagħha, diġa ksibna riżultati pożittivi li jawġuraw tajjeb għall-ġejjieni. Il-ħsieb tagħna huwa li din i-taqsima sas-sena 2022 tikber ġradwalment għal 14-il tim, ( 14-il *dog handler* u 14-il kelb).

F'Novembru ta' din is-sena ħloqna Skwadra Kontra l-Ħasil ta' Flus (AMLT). L-iskop ta' din l-iskwadra huwa li tissorvelja aħjar id-dikjarazzjonijiet ta' flus 'il fuq minn €10,000, tinvestiga każi ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' flus, kif ukoll sabiex flimkien ma' sezzjonijiet fi ħdan id-Dipartiment u barra mid-Dipartiment, taghmel analizi ta' riskju a bazi ta' informazzjoni li tkun inġabret.

<u>Statistika:</u>

<u>**2018**</u>

**Każijiet Pożittivi (Qbid ta' Droga)**
1- Bastiment
7- Kontejners
2- Karozzi Privati
2- Bagalji tal-passigieri
4 -Pakki Posta

**Ammont Totali ta' Droga maqbuda:**
Kokaina: 184.7 kili
Reżina tal-Kannabis:15,922 kili

**Sigaretti maqbuda:**
Transkonfinali: 4,478,300
Interni: 1,144656
Tranżitu: 53,720,000 li minnhom 9,590,000 huma Kontrafatti
Ammont Totali: 56,612,956

**Maqbuda *2 'speed boats'* u 2 vetturi**

**Ammonti Totali ta' Tabakk maqbuda:**
Tabakk tax-xixa: 88 kili
Tabakk li ma jitpejjipx (snus): 91.8 kili
Tabakk sfuż: 9.6 kili

**Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali**
Tranzitu:
Sigaretti : 44,130,000
Zraben Sportivi: 139,448 par
Sandlijiet / Krakar: 9,360 par
Oggetti tal-Hwejjeg: 10,470 bicca
Addittivi fl-Għalf tal-annimali: 3,300
Basktijiet: 3,600

Domestiku:
8,839 diversi oggetti

**Skwadra Kontra' il- Hasil tal Flus**

Ammont ta' flus mhux dikjarati

| | |
|---|---|
| Intra EU: 4 Kazi | €100,754 |
| Non –EU: 6 Kazi | €102,581 |
| TOTAL | €203,335 |



## Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*): Uffiċċju Legali – 2018

Din is-sezzjoni kkumpilat disgħa (**9**) ittri (*letters to prosecute*) biex jittieħdu proċeduri kriminali, u mitejn u ħdax-il (**211**) nota ta' qbid (*seizure notes*), kollha ffirmati mid-Direttur Ġenerali (Dwana). L-ittri tal-proċeduri kriminali ntbagħtu lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-azzjoni neċessarja, filwaqt li n-noti ta' qbid intbagħtu bil-posta lill-persuni kkonċernati.

Rigward rappreżentazzjonijiet fil-Qorti, din is-sezzjoni kellha x'taqsam ma' disgħa w għoxrin (29) kawża ċivili li nstemgħu f'mija, ergħa w sebgħin (174) seduta, filwaqt li mija, wieħed u tmenin (181) kawża kriminali nstemgħu f'ħames mija w sittin (560) seduta.

L-Impjegati ta' din is-sezzjoni, barra li segwew il-każijiet kollha, assistew lill-Avukat Ġenerali u il-Prosekuzzjoni waqt dawn il-kawżi ċivili u kriminali rispettivament hawn fuq imsemmija.

Mija wieħed u tletin (131) uffiċjal tad-Dwana issejħu minn din is-sezzjoni bħala xhieda fil-Qorti, kemm Ċivili, kif ukoll Kriminali. Ħafna minn dawn, u kull min xtaq, attenda f'dan l-uffiċju qabel is-seduta biex ikun assistit/a u ggwidat/a skont il-bżonn, kif l-aħjar ser t/jixhed.

<u>Kawżi Kriminali</u>

Sitta u sebgħin (**67**) kawża kriminali kienu deċiżi, li minnhom tnejn (**2**) ġew appellati. Multi li ġew imposti fi ħdax-il (**11**) kawża, jammontaw għal **€1,848,490.50**, li terz minn din is-somma kienet iddikjarata bħala dejn ċivili pagabbli lid- Dwana.

Fi tlettax-il (**13**) kawża kriminali apparti ksur tal-liġi tad-Dwana, ġew ukoll misjuba ħatja ta' ksur ta' liġijiet oħra. Il-multi li ġew imposti relatati ma' dawn il-liġijiet oħra, jammontaw għal **€14,200**.

**NB**

Hija r-responssabilita' tal-Awtoritajiet kompetenti tal-Qorti li jiġbru l-multi mposti ħlief, għal ammonti ddikjarati bħala dejn ċivili. Liema dejn ċivili għandu jinġabar mid-Dwana.

Ħames (**5**) persuni ngħataw sentenza ta' ħabs (sospiż).

Tliet (**3**) persuni ngħataw sentenza ta' ħabs (effettiv).

<u>Dejn Ċivili pagabbli lid-Dwana b'sentenza tal-Qorti.</u>

L'ammont totali ta' **€616,163.50** ġie ddikjarat bħala 'dejn ċivili' u pagabbli lid-Dwana. L-ammont ta' **€3,986.41** minn dan id-dejn ċivili nġabar mid-Dwana. Id-differenza fl-ammont huwa mniżżel fir-rapport tad-debituri.

<u>Ftehim minnflok proċediment fil-Qorti.</u>

Saru u kienu ffirmati mija u wieħed u għoxrin (**121**) arranġament ta' ftehim minnflok proċedimenti fil-Qorti, li permezz tagħhom inġabbru **€192,343** bħala Multi.

Il-kelma **'multi'** tinkludi ammonti ta' flus li ġew minn penali, dazju ta' mportazzjoni, dazju tas-sisa, u taxxa tal-valur miżjud.

<u>Kawzi Ċivili.</u>

Seba' (**7**) kawżi ċivili ġew deċiżi hekk:

| | |
|---|---|
| Erbgħa (**4**) favur id-Dwana | Tnejn (**2**) ġew appellati |
| Tlieta (**3**) kontra id-Dwana | Tnejn (**2**) ġew appellati |

<u>Flejjes oħra miġbura.</u>

| | |
|---|---|
| Spejjez legali | **€191,68** |
| Sorte | **€6,644** |
| Artiklu 72(4) Chap. 37 | **€112,500** |

<u>Każijiet li kienu biss osservati (*followed-up*) fl'2018</u>

Kien hemm tlettax-il każ (**13**) li kienu qed jiġu osservati biss. Dawn kienu jikkonsistu kif ġej:-

- Tmien każi (**8**) kienu fuq *Excess Currency*; erbgħa minnhom (**4**) ġew deċiżi u l-multi li kienu mposti flimkien jammontaw għal tlettax-il elf euro (**€13,000**).
- Tliet (**3**) każi, in konnessjoni ma' armi u munizzjon, fejn waħda minnhom (**1**) ġiet deċiża, u l-multa kienet tammonta għal elf u mitejn euro (**€1,200**).
- Żewġ (**2**) każijiet oħra kienu qed jiġu osservati biss għax kienu relatati ma' każi dixxiplinari ta' imjegatti tad-Dwana.

## Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*): Sezzjoni Intelliġenza

Matul is-sena 2018, tnieda proċess ta' ristrutturar ta' l-operat tas-Sezzjoni ta' l-Intelliġenza. Din il bidla kienet intiża sabiex id-Dipartiment jiffoka b' mod pro-attiv fuq it-theddidiet li jolqtuh. Tul dan il-perjodu l-enfasi kienet fuq it- taħriġ ta' l-Ufficjali assenjati fis- Sezzjoni fl-uzu ta' għodod ġodda sabiex l-informazzjoni miġbura tkun tista' tiġi analiżżata b' mod aktar effiċjenti. Sar ukoll eżerċizzju estensiv, kemm intern kif ukoll ma' *stakeholders* oħra, sabiex jiġi iffaċilitat il-ġbir u skambju ta' informazzjoni.

Din is-sezzjoni għamlet analiżi ta' manifesti ta' passiġġieri ta' l-ajru u tal-baħar u merkanzija bil-għan li tipprevjeni evażjoni ta' taxxi u biex ixxejjen l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija projbita jew ristretta. Is-sezzjoni ħarget 24 avviż dwar passiġġieri li kienu qed jivvjaġġaw bl- ajru, li minnhom 3 irriżultaw fil-pożittiv; 13-il avviz dwar merkanzijja ġew maħruġa u li minnhom 6 irriżultaw pożittivi.

It-taqsima li tanalizza riskji fi ħdan din is-sezzjoni ħolqot 293 profil ġdid fis-sistema tal-importazzjoni. Wara analiżi, 1,643 dikjarazzjoni ġew magħżula sabiex jiġu kkontrollati u eżaminati b'mod fiżiku.

F'dak li jirrigwardja esportazzjoni, ġew ikkrejati 4 profili ġodda filwaqt li 92 dikjarazzjoni ġew magħżula għall-kontroll.

## Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*): Sezzjoni ta' Moniteraġġ ta' Kontejners

(a) Moniteraġġ

Bejn Jannar u Diċembru 2018 daħlu fil-Port Ħieles ta' Malta 2,085 bastiment li bejniethom ħattew 969,392 kontejner ta' trażbord, li minnhom 257,630 kienu vojta. Din is-sezzjoni għamlet analiżi ta' dawn il-kontejners u għażlet 7,561 kontejners mimlija (1.06%) biex jgħaddu mill-proċess ta' *X-ray*. 1,293 minn dawn l-istess kontejners ġew eżaminati b'mod fiżiku u 42 minnhom taw riżultati pożittivi u ġew konfiskati. Fost dawn tal-aħħar insibu: 7 kontejners mimlijin b'sigaretti tal-kutrabandu u/jew kontrafatti; 182.7 kilo droga kokaina; 15,749 kilo reżina tal-kannabis; 19 kontejner b'merkanzija kontrafatta; 4 kontejners b'karozzi lussużi misruqin; kontejner bil-logħob tan-nar u kontejner *molasses* tax-Shisha.

Is-sehem tas-Sezzjoni ta' Moniteraġġ, f'kollaborazzjoni ma' dwaniet oħrajn Ewropej, kien ukoll imperattiv fil-qbid ta' 100 kilo kokaina; 86,300,000 sigarett tal-kutrabandu; u 100,000 Ewro fi flus, f'pajjiżi oħrajn fl-Ewropa.

It-tabella t'hawn taħt tagħti spjega fid-dettal taċ-ċifri msemmija filwaqt li tikkompara mal-istatistika tal-2017.

| YR | Vessels Reviewed | Transhipment Units discharged | | | Selected | Scanned | | Examined | Rel'd | Seized |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Total | Full | Empty | | Domestic | T/shipment | | | |
| 2017 | 1993 | 919549 | 679934 | 239615 | 5084 | 2684 | 4809 | 984 | 1013 | 29 |
| 2018 | 2085 | 969392 | 711762 | 257630 | 7561 | 911 | 7723 | 1293 | 1322 | 42 |

(b) Skenjar

Fl-2016, applikajna għal fondi mill-Unjoni Ewropeja, propju mill-Fond tas-Sigurta Interna, bl-intenzjoni li nibdlu l-apparat tagħna ġewwa l-Port Ħieles kemm għax dan kien qdiem kif ukoll għax konna qegħdin inħarsu lejn teknologija aktar moderna. Din l-applikkazzjoni intlaqgħet u inagħtajna €1.5 miljun li permeżż tagħhom investejna fi skenner NUCTECH. Irranġajna l-infrastruttura tagħna, bnejna uffi ċċju ġdid sabiex l-apparat jitħaddem b'mod remot u assiġurajna li l-madwar tal-proġett ikun siġur pernezz ta' kameras tas-sigurta u fensing aħjar. Il-proġett tlesta u ġie inawgurat fis-26 ta' Jannar 2018.

Bis-saħħa ta' dan il-proġett, it-taqsima żiedet l-iskenjar fin-numru ta' kontejners li ġew riferuti lilha minn diversi sezzjonijiet fid-Dwana u li taw riżultati pozittivi sinifikanti. Din l-għażla tinkludi l-kontejners tat-trażbord, kif wkoll kontejners oħra li huma destinati għas-suq lokali (*l-istess tabella ta' hawn fuq tinkludi statistika tal-2018*).

Sadanittant, iż-*Z Backscatter Van (*ZBV), bejn Jannar 2018 u Diċembru 2018, wettaq 51 operazzjoni fil-portijiet tagħna li jammontaw għal 449 siegħa ta' skenjar effettiv (*X-Ray ON*).

(c) *Megaports* – Pilastri li jkejjlu r-Radjazzjoni

Is-Sezzjoni ta' Moniteraġġ ta' Kontejners hija responsabbli wkoll għas-sistema li tkejjel emissjonijiet radjoattivi (il-*Megaports*). L-istatistika turi li 75% tal-kontejners ta' trażbord, u 100% tal-kontejners destinati għas-suq lokali huma mmoniterjati minn din is-sistema.

Ġewwa l-Port Ħieles hemm 7 settijiet ta' pilastri li jkejjlu r-radjazzjoni. Tul l-2018 bejniethom kejjlu 550,215 okkupanza li minnhom 12,446 taw alarm. Din iċ-ċifra hija ekwivalenti għal 2.26%. Dawn l-allarmi ġew imqabbla mal-manifesti tal-merkanzija, u ma' dokumenti oħrajn skont il-ħtieġa, biex jiġi stabbilit jekk il-merkanzija minnha nfisha hix magħmula minn ċerti materjali naturali li jistgħu jwasslu għal allarm ġustifikat. 29 minn dawn l-allarmi kienu suspettużi u, għaldaqstant, saret spezzjoni fiżika b'għodod speċjalizzati.

Permezz ta' din is-sistema, F'Ġunju tal-2018, inżamm kontejner li fih instab skrapp tal-aluminium li kien ikkontaminat b'materjal radjuattiv.

## Konklużjoni

L-2018 kienet sena straordinarja għad-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta għaliex filwaqt li kompla bil-kbir għaddej investiment fl-apparat, f'sistemi ġodda, u fir-riżorsa umana, ir-riżultati kaġun ta' dawn l-investimenti, kienu, kontra kull mistenni, immedjati u enormi.

Dan hu ta' sodisfazzjon kbir, daqstant ieħor ta' inkoraġġiment, għat-tmexxija tad-Dipartiment. Fil-fatt, id-Dipartiment tad-Dwana jibqa' riżolut li jkompli jżid l-isforzi tiegħu biex jiżdied aktar l-investiment, jiżdiedu l-għodda, jiżdied it-taħriġ u, fuq kollox, tiżdied ir-rieda u l-impenn għal aktar suċċessi.